MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 203/2012

Caterina Pace
vs
John Camilleri u Antoinette Camilleri u b'digriet tas-6 ta' Gunju, 2013 l-isem gie korrett ghal Antonia *sive* Antoinette Camilleri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponiet:

1. Illi l-attrici, li llum ghandha disghin (90) sena, hija z-zija tal-konvenut John Camilleri. Il-konvenuta Antoinette Camilleri hija mart l-istess konvenut John Camilleri.

2. Illi l-konvenuti b'qerq, *dolo* u *in mala fede* approprijaw ruhhom ingustament u illegalment mill-proprjeta` ta' l-attrici, kemm il-proprjeta` immobbli kollha taghha kif ukoll il-flus li faddlet tul hajjitha, u minhabba dan

l-agir illegali, abbuziv u qarrieqi tal-konvenuti l-attrici sabet ruhha fi xjuhitha b'xejn.

3. Illi in fatti xi xhur wara l-mewt ta' ohtha Liza Pace, l-attrici saret taf illi fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) gie ppubblikat kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor George *sive* Jurgen Galea (Dok. CP1) fejn tnizzel li l-attrici ghamlet donazzjoni irrevokabbli lill-konvenut John Camilleri tas-sehem taghha f'diversi proprjetajiet immobbli, inkluz fir-residenza taghha stess, kif jirrizulta mill-istess kuntratt, li permezz tieghu l-konvenuti akkwistaw il-proprjeta` immobbli kollha ta' l-attrici.

4. Illi l-attrici qatt ma tat il-kunsens taghha kif trid il-ligi ghal dina d-donazzjoni tal-proprjeta` immobbli kollha taghha lill-konvenut John Camilleri, u lanqas biss kienet taf bl-ezistenza ta' dan il-kuntratt ta' donazzjoni, u l-imsemmi att ta' donazzjoni sar b'*dolo* u qerq ipprattikat mill-konvenut John Camilleri ma' ohrajn, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi l-attrici kienet giet akkumpanjata ghand in-Nutar mill-konvenuta Antoinette Camilleri sabiex taghmel testment u fl-ebda waqt l-attrici ma tat struzzjonijiet li hija xtaqet taghmel donazzjoni u lanqas ma gie spjegat jew moqri lill-attrici li hija kienet qed tittrasferixxi matul hajjitha l-proprjeta` immobbli kollha taghha, inkluz sehemha fid-dar ta' residenza taghha stess, versu l-konvenut John Camilleri. Apparti minn hekk l-attrici kienet ghand in-Nutar wehidha u l-konvenut John Camilleri ma kienx prezenti nkluz meta hija giet mitluba tiffirma dak li suppost kellu jkun testment taghha izda li fil-fatt kien il-kuntratt fuq imsemmi.

6. Illi ghalhekk il-kunsens ta' l-attrici fuq il-kuntratt tal-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fl-atti tan-Nutar Dottor George *sive* Jurgen Galea (Dok. CP1) kien vizzjat b'qerq u huwa invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

7. Illi billi l-attrici qatt ma kellha intenzjoni li taghti donazzjoni tal-proprjeta` kollha taghha, u lanqas kienet taf

li qed taghti b'donazzjoni irrevokabbli l-proprjeta' kollha taghha, inkluz sehma fir-residenza taghha stess, lill-konvenut, il-kunsens ta' l-attrici huwa wkoll vizzjat bi zball u huwa ghalhekk invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

8. Illi dak li sar huwa wkoll bi ksur ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta).

9. Illi apparti minn hekk, bis-sahha ta' prokura lilu moghtija mill-attrici l-istess konvenut abbuzivament gibed mill-kont bankarju ta' l-attrici bin-numru 044-013670-050 mal-Bank HSBC Bank Malta plc is-somma ta' sitt elef disa' mija tmienja u tmenin euro u hdax-il centezmu (EUR6988.11) minghajr il-kunsens u r-rieda ta' l-attrici, misapproprija tali somma u qed jirrifjuta li jirritornaha lill-attrici minkejja li gie interpellat jaghmel hekk anki b'ittra ufficjali tat-18 ta' Lulju, 2011 (Dok. CP2) u ohra ta' l-4 ta' Awissu, 2011 (Dok. CP4).

10. Illi fl-ittra ufficjali tieghu tat-22 ta' Lulju, 2011 (Dok. CP3) il-konvenut John Camilleri diga` ammetta li ha din is-somma ta' sitt elef disa' mija tmienja u tmenin euro u hdax-il centezmu (EUR6988.11) minghand l-attrici izda qed jippretendi li ghandu d-dritt izommha bhala kumpens ghal servigi rezi minnu u minn martu, liema kumpens pero` bl-ebda mod ma huwa dovut.

11. Illi apparti minn hekk f'Awissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010) l-attrici kienet fdat is-somma ta' tletin elf Euro (EUR30,000) li hija kienet faddlet tul hajjitha f'idejn il-konvenuta Antoinette Camilleri sabiex dawn il-flus jitpoggew f'kont bankarju f'isem l-attrici izda l-konvenuti zammew dawn il-flus ghalihom u qed jirrifjutaw li jirritornawhom lill-attrici minkejja li gew debitament interpellati b'ittra ufficjali ta' l-4 ta' Awissu, 2011 (Dok. CP4).

12. Illi minhabba l-agir illegali u abbuziva tal-konvenuti l-attrici sabet ruhha b'xejn, u l-konvenuti qed jirrifjutaw li

jikkonsenjaw lura lill-attrici dak kollu li hadu minghandha illegalment kif fuq premess.

13. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti:

i. Tiddikjara li l-kunsens ta' l-attrici fuq il-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George *sive* Jurgen Galea tal-5 ta' Lulju 2010 (Dok. CP1) li permezz tieghu l-konvenut akkwista l-proprjeta` immobbli kollha ta' l-attrici kien vizzjat b'qerq da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici jew moghti bi zball li jinvalida l-kunsens ta' l-attrici fuq l-istess kuntratt;

ii. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George *sive* Jurgen Galea tal-5 ta' Lulju,2010 (Dok. CP1) huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

iii. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar George *sive* Jurgen Galea tal-5 ta' Lulju, 2010 (Dok. CP1) huwa wkoll null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi *ai termini* ta' l-Artikolu 40 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap. 55 tal-Ligijiet ta' Malta) billi sar bi ksur tal-procedura sancita fil-provvedimenti ta' l-istess Att;

iv. Tordna ghalhekk ir-rexxizzjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni fuq imsemmi fl-atti tan-Nutar Dottor George *sive* Jurgen Galea tal-5 ta' Lulju, 2010 (Dok. CP1) ghar-ragunijiet fuq imsemmija u tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjoni ta' l-att opportun ta' rexxissjoni;

v. Tahtar ghalhekk nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' rexxissjoni u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att ta' rexxissjoni;

vi. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti huma debituri ta' l-attrici fl-ammont ta' sitta u tletin elf disa' mija tmienja u tmenin euro u hdax-il centezmu (EUR36,988.11) jew

somma verjuri rapprezentanti flejjes ta’ l-attrici li l-konvenuti qed jirrifjutaw li jirritornaw lill-attrici minghajr raguni valida;

vii. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici dina s-somma ta’ sitta u tletin elf disa’ mija tmienja u tmenin euro u hdax-il centezmu (EUR36,988.11) jew somma verjuri;

Bl-imghax legali fuq is-somma ta’ EUR6,988.11 mid-data ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Lulju, 2011 (Dok. CP2), bl-imghax legali fuq is-somma ta’ EUR30,000 mid-data ta’ l-ittra ufficjali tal-4 ta’ Awissu, 2011 (Dok. CP4) u bl-ispejjez kollha inkluz dawk ta’ l-imsemmija ittra ufficjali u tal-mandat ta’ sekwestru li gie prezentat kontestwalment kontra konvenuti li gew ingunti in subizzjoni, u b’rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attrici.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimati li biha eccepew illi:

1. Illi preliminarjament ir-rikors mahluf huwa null in kwantu kuntradittorju filli jallega fl-istess waqt li l-kunsens ta’ l-attrici kien vizzjat b’qerq ipperpetrat mill-konvenut fil-konfront taghha u moghti bi zball li jinvalida l-kunsens ta’ l-attrici. Tali nuqqas ta’ kjarezza anke fir-rikors mahluf ghandhom iwasslu ghan-nullita` ta’ l-istess a tenur ta’ l-art 156 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li r-rikors guramentat ikun redatt b’mod car u sewwa. Jinkombi fuq l-attrici li tiddetermina ‘*in limine litis’* liema hija dik ir-raguni li, skond hi, l-kunsens taghha huwa vizzjat u certament ma tistax din tallega semplicement li tali kunsens kien vizzjat bi zball u b’qerq proprju ghaliex jekk il-kunsens taghha kien vizzjat bi zball dan jeskludi minnufih kwalunkwe qerq da parti tal-konvenut, u vici-versa. Jehtieg illi r-raguni tal-vizzju allegat mill-attrici jigi ccarat f’dan l-istadju bikri tal-proceduri proprju sabiex ma jigux pregudikati d-drittijiet procedurali tal-konvenuti.

2. Illi fir-rigward tat-talbiet ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta’ donazzjoni l-attrici mid-drittijiet taghha bit-terminu

indikat taht l-art 1222 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-konvenut ma ezercita ebda qerq, *dolo* jew '*mala fede'* fil-konfront ta' l-attrici tant illi lanqas fl-istess rikors guramentat ma ssir ebda referenza ghal-liema rapprezentazzjonijiet foloz, artifizi frawdolenti, u raggiri gravi u determinanti gew mwettqin mill-intimat b'qerq ta' l-istess attrici u kif inhu mehtieg ghas-success ta' tali kawzali ta' nullita`. Fil-fatt kienet l-istess attrici li bil-bwona volonta` kollha taghha issottoskriviet validament ghad-donazzjoni li issa qed tigi attakkata u kienet kuntenta meta ghamlet dan. Ma jistax ikun li l-attrici skopriet biss ricentement li ghamlet dan il-kuntratt u dan ghaliex kienet hi li riedet tikkonkludi tali kuntratt u f'dan ir-rigward gie sahansitra ingaggjat l-ufficju tan-Nutar li solitament jippubblika l-atti ghall-attrici u ghal hutha.

4. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess lanqas ma jezisti ebda zball da parti ta' l-attrici fil-mod illi din iddiportat ruhha fil-konfront ta' l-intimati, wisq anqas xi zball li huwa sostanzjali, skuzabbli u determinanti li jirrendu l-kuntratt ta' donazzjoni null u bla effett.

5. Illi lanqas ma jezisti ebda nuqqas ta' forma jew fis-sustanza li effettivament jirrendi l-kuntratt ta' donazzjoni wiehed null u bla effett. Id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili (Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta) gew ukoll skrupolozament segwiti min-Nutar li ppubblika l-att.

6. Illi lanqas ma tezisti ebda raguni li tiggustifika r-restituzzjoni ta' kwalunkwe flus moghtijin mill-attrici lill-intimati u dan peress illi tali somma tirrapprezenta hlas u kumpens ghas-servizi rezi mill-intimati lejn l-istess attrici u kif ukoll in kumpens ta' l-ispejjez inkorsi mill-istess intimati f'isem l-istess attrici u a beneficcju esklussiv taghha u dan kif validament koncess mill-istess rikorrenti fiz-zmien relattiv. Qatt qabel l-ittra ufficjali datata 4 t'Awwissu, 2011

u anke ghal xi zmien wara din l-ittra l-intimati ma gewx mitlubin mill-attrici personalment sabiex jirrifondu xi somma ta' flus, dan minkejja l-fatt li l-intimati baqghu izuruha regolarment u jiehdu hsieb il-bzonnijiet taghha.

7. Illi effettivament il-konvenut ghamel zmien twil jorqod kuljum ghand l-attrici filwaqt li, flimkien mal-konvenuta u wliedha kienu ilhom ghal zmien twil jiehdu kura taghha. Il-problemi bdew jinqalghu ghaliex hut l-intimat John Camilleri u zwieghom ma bdewx japprezzaw il-mod li bih l-attrici kienet qed tagixxi fil-konfront ta' l-intimati.

8. Illi fir-rigward tas-somma ta' tletin elf euro (€30,000) msemmija wkoll fir-rikors guramentat l-intimati jichdu kategorikament li huma qatt inghataw somma f'dan il-valur jew somma ohra verjuri mill-attrici. Effettivament lanqas ma saret ebda referenza ghal din is-somma fl-ittra ufficjali datata 18 ta' Lulju, 2011 mibghuta mill-attrici lill-intimati.

9. Illi fi kwalunkwe kaz l-intimati m'ghandhom x'jirritornaw xejn lill-attrici u lanqas ma jezistu ebda ragunijiet li ghalihom il-kuntratt ta' donazzjoni relattiv jista' jigi dikjarat null u bla effett ai fini u effetti tal-ligi.

10. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

11. Illi l-eccezzjonijiet ta' l-intimati qeghdin jigu mressqin ilkoll minghajr pregudizzju ghal xulxin.

12. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ezebiti mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

## C. PROVI:

Xehedet ir-rikorrenti Caterina Pace li semmiet li m'ghandhiex tfal, hija xebba. Is-sinjuri prezenti ghas-seduta huma wiehed it-tifel ta' ohtha u l-mara tieghu. Dawn jisimhom John u l-mara tieghu jisimha Antoinette. Qalet li qeghda f'din il-kawza biex iroddilha lura dak li hadilha. Ziedet li Antoinette Camilleri kienet tbezzghha u tintimidaha peress li fit-triq fejn toqghod kien hemm diversi serqiet. Taghtha dawk il-flus biex taghmilhomlha l-bank. Meta ivverifikat mal-Bank ma sabet xejn. Ziedet li Antoinette Camilleri kienet anke darba haditha ghand it-tabib biex tara jekk hijiex sewwa, f'sitwazzjoni u qaghda tajba biex taghmel it-testment u wara kienu marru ghand in-nutar biex taghmel it-testment. Ganni Camilleri ma kienx maghhom u Antoinette baqghet barra. Lin-nutar spjegatlu xi trid u hu qalilha biex tiffirma meta spiccaw. Wara kienet marret l-istess ufficcju fejn kienet marret pero` dak inhar sabet nutara li kienet mara u din qaltilha li ma setghetx tbiddel it-testment.

Semmiet li kienet marret fl-ufficcju ta' Mariella Mizzi. Mistoqsija f'liema moment indunat li dak ma kienx testament imma kien xi haga ohra stqarret li kien dak inhar li marret l-ufficcju tan-nutar u sabet nutara mara meta qaltilha li ma tistax tbiddel it-testment. Ftakret li kien fit-28 ta' Dicembru, 2010 ghalkemm stqarret li jista' jkun ftit wara. Jista' jkun xi granet jew gimgha wara saret taf.

Xehed in-Nutar Jurgen Galea u ftakar li saru xi kuntratti u gharaf id-dokument a fol 8 u wara ghadda kopja lill-partijiet. Semma li normalment il-kopji jibghatuhom wara li jigu insinwati. Jigifieri mhux dak il-hin tal-kuntratt. Ma ftakarx f'dan il-kaz jekk ghaddilhomx kopja dak inhar wara l-kuntratt u qal li ma jiftakarx.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

Din id-decizjoni tirrigwarda l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-intimati.

### ***D1. L-ewwel eccezzjoni dwar in-nullita` tar-rikors guramentat:***

Illi l-intimati sostnew li r-rikors guramentat ghandu jigi dikjarat null minn dina l-Qorti ghax fil-fehma taghhom il-kawzali tal-vizzju tal-kunsens minhabba zball huwa kuntradittorju ghall-kawzali tal-vizzju tal-kunsens minhabba l-qerq. Huma eccepew li tali nuqqas ta' kjarezza anke fir-rikors mahluf ghandu jwassal ghan-nullita` ta' l-istess a tenur ta' l-art 156 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jirrikjedi li r-rikors guramentat ikun redatt b'mod car u sewwa.

Din il-Qorti sejra tikkwota minn sentenza taghha stess kif presjeduta, fl-ismijiet **Bartholomeo Bonett *et* vs Mario Borg**, moghtija fil-15 ta' Ottubru, 2008 (Rikors Numru 515/07FS) fejn inghad:
"Jibda biex jinghad li l-artikolu 156(1) tal-Kap 12 ifisser l-elementi essenzjali li ghandhom jikkostitwixxu l-att tac-citazzjoni.
"Ic-citazzjoni ghandha titlesta mill-attur u ghandu jkun fiha:
(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba
(b) it-talba jew it-talbiet li ghandhom ikunu numerati."

Indiskutibbilment, il-Qorti ghandha meta tista', li zzomm hajja citazzjoni, ikun ferm ahjar milli jigu dikjarati nulli citazzjonijiet biex wara jigu intavolati citazzjonijiet ohra. Ukoll, illi hemm il-kuncett li formalizmi zejda ma ghandhomx jigu wzati. Fl-istess hin, idealment, l-att gudizzjarju ghandu jkun car u preciz kemm jista' jkun. Ghalhekk, jinkombi fuq il-Qorti li f'kazijiet ta' din in-natura tanalizza n-natura ta' l-inkorrettezzi fic-citazzjoni u jekk dawn humiex ta' natura gravi.

Ic-citazzjoni ghandu jkun fiha mfissrin car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba taht piena ta' nullita` fin-nuqqas. (Ara **Giuseppe di T Demajo vs Eduardo Camilleri** Prim'Awla deciza fl-24 ta' Dicembru 1911, u **Emma Scicluna vs Mary Xuereb *et*,** Appell deciz fit-22 ta' Mejju 1967). Izda, ta' min ighid li tali disposizzjoni tal-ligi rceviet fil-gurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma giex adottat ir-rigur li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi.

F’diversi kazijiet naraw din l-interpretazzjoni tal-Qrati. Fil-kawza **Marianna Muscat vs Dr. Joseph Cassar** deciza mill-Prim’Awla fid-9 ta’ Marzu 1965, intqal li citazzjoni m’ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi. Permezz ta’ dan il-kaz giet applikata t-teorija ta’ l-ekwipollenti li nisslet il-principju li mhix mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni ta’ l-azzjoni.

Illi dwar l-element ta’ kjarezza fl-att tac-citazzjoni, il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista’ tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b’mod xott jew tista’ tigi mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha. Dan gie enuncjat fil-kawza **Av. Dr. Carlo Moore *noe* vs C. Falzon *et*** deciza mill-Prim’Awla fil-15 ta’ Dicembru, 1995.

L-istess inghad fis-sentenza tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet **Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit *noe*** ta’ l-20 ta’ Jannar, 1986:
“Illi l-artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parte ta’ l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost tal-Artikolu 155(1) (illum 156(1) tal-Kap 12), u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa, jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b’mod li l-konvenut ikun jista’ jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata.”

Gie ritenut ukoll fil-kawza **Jos. G. Coleiro vs Dr. Joseph Ellul** deciza mill-Prim’Awla fl-14 ta’ Frar 1967, li biex att ta’ citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b’mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta’ min harrikha.

Biex twassal ghan-nullita` ta’ atti gudizzjarji hemm bzonn li tali nuqqas ikun li ma jistax jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta’ gustizzja procedurali. (Ara Appell Civili Superjuri **Ellul E. vs Agnese Gera de Petri**, 21 ta’ April

1995). Difett procedurali ma jgibx in-nullita` tal-att jekk il-parti l-ohra ma tbatix xi pregudizzju serju. (Ara **Attard Michael vs Raymond Galea** Appell Civili Superjuri 12 ta' Mejju 1998). Biex tigi dikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha jinhtieg li jkunu jikkonformu ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut. (Ara **Francis Xavier sive Mose` Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina** Appell Civili Superjuri 21 ta' Marzu 1988).

Gie deciz ukoll fis-7 ta' Marzu, 1955 (Vol. XXXIX.II.597) illi ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tkun dedotta b'mod lakoniku,
"ic-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb u sakemm ma tkunx difettuza talment li minhabba f'hekk il-konvneut, jigi pregudikat, ghaliex ma jkunx jista' jiddefendi ruhu……" …

Kif inghad fil-kawza **Emma Scicluna vs Mary Xuereb *et*** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju 1967:
"Sintendi f'citazzjoni mhemmx bzonn li jigu wzati formoli sagramentali biex tifisser il-kawzali. Imma hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut."

Huwa maghruf u assolut li, "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli." (Ara **Malta Development Corporation vs Paul Licari** deciza mill-Prim'Awla fit-22 ta' April 2004, **Charles Fino vs Alfred Fabri noe** Appell tat-28 ta' Frar 1997, **Maurizio Urso vs Fr. Charles Cini**, deciza mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 1999). Mill-atti, hemm elementi sufficjenti biex il-konvenuti, anke minn semplici qari ta' l-att tac-citazzjoni, jindunaw mill-ewwel il-kawzali li fuqha r-rikorrenti qeghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom, u cjoe` t-talba biex tinghalaq l-apertura fil-hajt divizorju…

Hawnhekk, ta' min isemmi li huwa insenjament pacifiku li d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu, m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi." (Ara **Joseph**

**Gasan vs Farmacista Nicola Spiteri**, Appell Kummercjali tat-28 ta’ Gunju 1948, u **Gloria Beacom et vs A.I.C. Anthony Spiteri Staines**, Appell deciz fil-5 ta’ Ottubru 1998, u **Joseph Mifsud et vs Paul Cutajar et** deciza fit-13 ta’ Gunju 2008 mill-Qorti ta’ l-Appell Inferjuri.

F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi wkoll li l-Qorti tara analogija f’dan il-kaz ma’ dak fejn il-Qorti kienet mitluba tilqa’ talba ghal zgumbrament minghajr talba li l-konvenut kien qed jokkupa l-fond bla titolu. Hekk kif inghad fil-kaz **Dottor George Vassallo et vs Julian Sammut,** Appell deciz fit-12 ta’ Marzu 1990;
“..Il-Qorti ma tarax li kien necessarju ghall-atturi li jaghmlu talba *ad hoc* fic-citazzjoni ghal dikjarazzjoni li l-konvenut qed jokkupa l-fond bla titolu billi din il-kwistjoni hi implicita fl-imsemmija talba ghall-izgumbrament.”

Dan fil-fatt, gie konfermat fil-kaz **Cassar Carmelo vs Zammit Victor**, Appell Civili Inferjuri datat 23 ta’ Gunju 2004:
“Kif pacifikament akkolt, id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu m’hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta’ domandi.”

“Hu maghruf u anke accettat in linea ta’ principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri. Hi wkoll regola procedurali, sotenuta mill-gurisprudenza li l-kawzali tad-domanda ossija, ir-raguni guridika tat-talba, *oltre* li ghandha tigi mfissra cara u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni. Dan b’mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex kif ritenut, ‘mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni.” …

Ghalhekk jista’ jinghad li l-importanti huwa li:
❖ ic-citazzjoni jkun fiha tifsira cara u sewwa ta’ l-oggett u r-raguni tat-talba taht piena ta’ nullita` fin-nuqqas;
❖ it-talbiet ikunu enumerati;

- ❖ ma hemm ebda forma sagramentali kif jitfissru l-kawzali;
- ❖ formalizmu zejjed ghandu jigi evitat;
- ❖ citazzjoni m'ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi;
- ❖ ma jimpurtax jekk il-kawzali tkun imfissra b'mod xott, basta tkun tinftiehem b'mod car;
- ❖ biex citazzjoni titqies valida hu essenzjali li konvenut ma jigix pregudikat fid-difiza tieghu. Irid ikun car fuq xiex qed tigi ibbazata l-kawza;
- ❖ il-Qorti ghandha tara jekk tistax izzomm hajja citazzjoni;…"

L-argument ta' l-intimati huwa legalment insostennibbli kemm ghaliex il-gurisprudenza nostrana u d-duttrina tammetti li tista' tintalab ir-rexissjoni ta' kuntratt kemm fuq bazi ta' zball kif ukoll il-qerq fl-istess kawza, u kif ukoll ghaliex bl-ebda mod ma jissussistu l-elementi ta' l-Artikolu 789 tal-Kap. 12 sabiex ir-rikors guramentat jigi dikjarat null.

Din l-Qorti presjeduta mill-Imhallef G. Valenzia fis-sentenza **Philip u Pauline konjugi Borg Cardona vs Is-socjeta` EFW Limited *et* (**Citazzjoni Numru 96/2004) moghtija fit-8 ta' Ottubru, 2004 ghamlitha cara li ma hemm xejn inkompatibbli bejn il-kawzali ta' l-izball u dik tal-qerq u ma jistax jigi eskluz li l-kunsens ikun vizzjat b'aktar minn kawzali wahda:
"Illi f'dan l-istadju l-Qorti hi tal-fehma li ma hemm ebda skorrettezza fl-azzjoni attrici billi f'dan l-istadju ghad irid jigi stabblit x'kien li ezattament irrenda vvizzjat il-kunsens ta' l-atturi u dana jista' jsir wara li jigu ezaminati fil-fond il-fatti li taw lok ghal dina l-azzjoni. Mhux eskluz lanqas li l-kunsens ta' l-atturi jkun vizzjat b'aktar minn kawzali wahda. F'dan il-kaz dina jista' jkun jew zball minn naha ta' l-atturi, jew qerq minn naha tal-konvenuti jew it-tnejn billi wiehed jista' jigi ndott fi zball minhabba qerq ta' haddiehor. Izda l-azzjoni prezenti hija wahda, cjoe' rexizzjoni ta' skrittura, pero' bazata fuq aktar minn kawzali wahda."

Fin-nota taghha r-rikorrenti tghid hekk:

“Illi hemm ukoll diversi sentenzi ohra fejn il-Qrati taghna investigaw il-vizzji tal-kunsens bbazati fuq zball u qerq fl-istess kawza. Fost dawn is-sentenzi hemm **Giuseppe Schembri et vs. Leonardo Azzopardi** (Prim’Awla tal-Qorti Civili, 9 ta’ Frar 1965); **Joseph Galea vs AIC Walter Caruana Montaldo** (Prim’Awla tal-Qorti Civili, 16 ta’ Dicembru 1970, Vol. XXIV, p. II pg. 578); **Carmelo Barbara vs Emmanuele Schembri** (Prim’Awla tal-Qorti Civili, 16 ta’Gunju 1955, **Monsijur Arcidjaknu Dottor Giuseppe Apap Bologna Navarra Cassia** ***et*** **vs Gaetano Zahra** (Prim’Awla tal-Qorti Civili, 25 ta’ Novembru 1963); **Carmelo Morana vs Nutar Dr. Joseph Spiteri** (Qorti ta’ l-Appell, 16 ta’ Mejju 1960); u **Socjetà Fortress Insurance Brokers Ltd. vs Gordon Shephard** (Prim’Awla tal-Qorti Civili, 6 ta' Ottubru 1997). F’din ta’ l-ahhar, per ezempju, il-konvenut allega li l-kunsens tieghu fuq il-ftheim kien vizzjat bi zball ta' fatt, kif ukoll ghax l-imgieba ta' l-attur kien karatterizzat minn qerq u *malafede*. L-Onorabbli Qorti ma sabet sabet xejn inkompatibbli f’dawn iz-zewg eccezzjonijiet, anzi ezaminat u ddeterminat iz-zewg eccezzjonijiet.

Illi, fil-fatt, kif anki jghidu l-awturi, ma hemm xejn inkompattibbli bejn il-vizzju tal-kunsens minhabba l-izball u l-vizzju tal-kunsens minhabba l-qerq ghax il-qerq huwa stat ta’ zball li fih taqa’ l-persuna minhabba l-agir doluz ta’ haddiehor. Fiz-zewg vizzji tal-kunsens hemm l-element ta’ zball izda fil-kaz tal-qerq, l-izball huwa pprovokat u kkagunat mill-agir doluz tal-kontro-parti. Kif jghid **Giorgi** fit-**Teoria delle Obbligazioni,**

*“il dolo è una forma speciale di errore avente per carattere proprio di essere cagionato dalla mala fede dell’altro contraente.”*[1]

Illi l-istess awtur jikkwota ukoll mill-gurisprudenza franciza fejn jinghad hekk:
*“le dol pourrait certainement rentrer dans les hypotheses d’erreur car si le dol n’avait pas produit d’erreur, il ne pourrait vicier les contrats.”*[2]

---

[1] Volume IV, Libro II, Part II, p. 46.

Ghal dawn il-motivi tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ l-intimati.

***D2. It-tieni eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni:***

Illi l-intimati eccepew ukoll illi t-talba ghar-rexxissjoni tal-kuntratt ta’ donazzjoni tal-5 ta’ Lulju 2010 (Dok. CP1 anness mar-rikors guramentat) hija preskritta bil-preskrizzjoni tas-sentejn *ai termini* ta’ l-Artikolu 1222 tal-Kodici Civili li jghid:

“l-azzjoni ghar-rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, eghmil doluz, stat ta’ interdizzjoni, jew nuqqas ta’ età, taqa’ bil-preskrizzjoni eghluq sentejn.”

U l-artikolu 1223(1) tal-Kap 16 ighid hekk:

“Iz-zmien tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmi jghodd biss, fil-kaz ta’ vjolenza, minn dakinhar li l-vjolenza tispicca, u fil-kaz ta’ zball, ta’ eghmil doluz, jew ta’ kawza falza, minn dakinhar li jinkixef id-difett.”

Ghalhekk iz-zmien tal-preskrizzjoni sancita fl-Artikolu 1222 jibda jiddekorri biss, “fil-kaz ta’ zball, ta’ eghmil doluz, jew ta’ kawza falza, **minn dak in-nhar li jinkixef id-difett.**”

Ukoll dina l-eccezzjoni hija infondata ghax filwaqt illi l-kuntratt li qed jigi impunjat permezz ta’ dina l-kawza sar fil-**5 ta’ Lulju 2010** (Dok. CP1 anness mar-rikors guramentat), dina l-kawza giet intavolata **fis-27 ta’ Frar 2012**, u ghalhekk ferm qabel l-gheluq tas-sentejn previsti fl-Artikolu 1222 tal-Kap. 16. Il-Qorti tirreferi ghall-artikolu 2130 (1) tal-Kap 16 ghax in-notifika tar-rikors guramentat saret fid-19 ta’ Lulju, 2012.

Illi apparti minn hekk kienet saret ittra ufficjali fis-17 ta’ Awissu, 2011 (Dok. CP4 anness mar-rikors guramentat) notifikata f’idejn il-konvenuti fl-20 ta’ Frar, 2011 li permezz taghha giet interrotta l-preskrizzjoni.

## E: KONKLUZJONIJIET:

---

[2] Volume IV, Libro II, Part II, p. 108.

Ghal dawn il-motivi tichad iz-zwg eccezzjonijiet ta’ l-intimati.

Spejjez ta’ din id-decizjoni kontra l-intimati.

Il-kawza tibqa’ differita ghall-kontinwazzjoni (u ghalhekk tordna lill-assistent gudizzjarju tkompli tisma’ x-xhieda) ghall-10 ta’ Dicembru, 2013 fid-9.15 a.m.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------